**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 236/2019 RM**

**Orazio sive Grezzju Azzopardi**
**(K.I. Nru. 827240M)**

**-Vs-**

**Marco Bugeja**

**Illum, 12 ta' Ġunju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Orazio sive Grezzju Azzopardi fir-Reġsitru tal-Qorti fil-15 ta' Ottubru 2019, fejn talab, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet li ser jiġu dettaljatament ittrattati tul il-mori ta' dawn il-proċeduri, li Marco Bugeja jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) jew somma oħra verjuri, rappreżentanti danni kaġunati minnek bħala riżultat tan-nuqqas tiegħek li tagħmel u twettaq it-tiswijiet fuq il-vettura Toyota Hiace proprjeta' tal-attur kif ukoll bħala riżultat tan-nuqqas tiegħek li tirritorna l-istess

vettura lill-attur u dan mid-data tal-konsenja lilek tal-istess vettura nhar it-tmintax (18) ta’ Ġunju, elfejn u tmintax (2018).

Illi għalkemm ġejt diversament interpellata sabiex tirrimedja għal-lanjanza suriferita int bqajt dejjem inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża, b’dan li ai fini ta’ kompetenza qiegħed jiġi sa minn issa dikjarat li l-ammont globali mitlub ma jeccedix il-kompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha u l-imgħax legali dekoribbli fuq is-somma eventwalment likwidata sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut, li hu nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut Marco Bugeja ppreżentata fl-4 ta’ Diċembru 2019 fejn eċċepixxa:-

*“1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eċċipjent mhux biss lesta x-xogħolijiet nkarigat jagħmel mill-attur, imma ukoll talab diversi drabri lill-attur sabiex jmur u jigbor il-vettura inkwistjoni izda naqas milli jagħmel dan, u dana kif sa jirrizulta fil-mora u t-trattazzjoni tal-kawza.*

*2. salvi eccezzjonijiet ultejuri.*

*Bl-ispejjez.”*

Rati t-talba rikonvenzjonali mressqa mill-konvenut flimkien mar-Risposta tiegħu fejn ġie premess u mitlub :-

*“ Illi l-konvenut rikonvenjonant esegwixxa xogholjiet ta’ manutenzjoni u reparazzjoni fil-vettura Toyota Hiace propjeta tal-attur rikonvenzjonat u pproduca u hallas ghan-nom tieghu spare parts sabiex jkunu jistghu jsiru tali tiswijiet.*

*Illi dawn ix-xogholijiet saru fuq nkarigu espress tal-attur rikonvenzjonat.*

*Illi ghalhekk l-attur rikonvenzjonat ghandu jhallas lill-konvenut rikonvenzjonant is-somma kumplessiva ta elf, hames mija u sitta u għoxrin ewro u tnax il-centenzmu (Euro 1526.12) in lenia ta' xogholijiet ta' tiswijiet u spare parts mixtrija ghan-nom tal-attur rikonvenzjonat.*

*Illi l-attur rikonvenzjonat gie mitlub diversi drabi sabiex jhallas l-imsemmi ammont izda baqa nadempjenti.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli millum sal-pagament effettiv "*

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-attur rikonvenzjonat, Orazio sive Grezzju Azzopardi, fl-20 ta' Diċmebru 2019 fejn ġie eċċepit :-

"*Illi t-talbiet tar-rikonvenzjonant għandhom jiġu miċħuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet u għal dawk kollha li sejrin jirriżultaw mit-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri ;*

1. *Illi ebda ammont ma huwa dovut mir-rikonvenzjonant stante li r-rikonvenzjonant naqas milli jwettaq u jirrispetta l-ftehim milħuq bejn il-partijiet sabiex isiru t-tiswijiet fuq il-vettura Toyota Hiace proprjeta' tar-rikonvenzjonat, u dan bil-modalita' u fiż-żmien maqbul bejn il-partijiet ;*

2. *Illi di piu ebda ammont ma huwa dovut billi r-rikonvenzjonant żamm il-pussess tal-vettura de quo agitur b'mod abbużiv nonostante diversi interpellazzjonijiet da parte tar-rikonvenzjonat sabiex jieħu lura l-pussess tal-vettura, tant li ir-rikonvenzjonat sofra danni hekk kif minnu reklamat fl-avviż promotur minnu intavolat kontra r-rikonvenzjonant ;*

3. *Illi assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalisasi ammont li jista' jkun realment dovut lir-rikonvenzjonant għandu jekk xejn jiġi paċut mill-*

*ammont dovut lir-rikonvenzjonant lir-rikonvenzjonat in linea ta' danni skond kif mitlub fl-avviż promotur intavolat mir-rikonvenzjonat ;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż u l-imgħax kollha kontra r-rikonvenzjonant li qiegħed sa minn issa jiġi nġunt in subizzjoni. "*

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2023;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur jitlob il-ħlas ta' danni sofferti minnu minħabba li l-konvenut naqas milli jwettaq l-inkarigu fdat lilu li jsewwi l-ħsarat fil-vettura tiegħu, Toyota Hi Ace fiż-żmien miftiehem bejn il-partijiet, u naqas ukoll milli jirritorna din il-vettura lilu, liema vettura l-attur jisħaq li ilu fil-pussess tal-konvenut sa mit-18 ta' Ġunju 2018 u baqgħet fil-pussess tiegħu b'mod abbużiv sal-lum.

Il-konvenut jilqa' għal din it-talba billi jisħaq li t-tiswijiet fil-vettura ilhom li saru iżda minkejja li talab lill-attur diversi drabi biex jiġbor il-vettura, naqas milli jagħmel dan. Jjitlob għalhekk, b'talba rikonvenzjonali, il-ħlas tal-prezz tax-xogħolijiet ta' tiswija li wettaq fil-vettura tal-attur.

**Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi**, jirriżulta illi l-vettura tal-attur bin-numru ta' reġistrazzjoni FBS-468[1], li hi vettura għall-użu kummerċjali, kienet involuta f'ħabta ma' terza persuna u soffriet ħsarat fuq quddiem fosthom fil-fanal u l-bieba tal-passiġġier. L-attur ħa l-vettura għat-tiswija għand il-konvenut, Marco Bugeja, li jeżerċita l-kummerċ taħt l-isem Automax u dak iż-żmien kien jopera minn garaxx il-Gudja. Hemmhekk il-vettura ġiet eżaminata fis-26 ta' April 2018[2] minn Antwan Mugliett, is-surveyor inkarigat mill-kumpannija tal-assikurazzjoni[3] tal-vettura li kienet involuta fil-kolliżjoni mal-vettura tal-attur, u ġie ċertifikat li l-ispiża tat-tiswija tal-vettura tal-attur in kwantu xogħol ta' *panel beating* u żebgħa, iżda eskluż il-prezz tal-parts, kienet ta' €1,535.26[4].

Mill-provi jirriżulta wkoll li l-vettura tal-attur kienet assikurata ma' GasanMamo Insurance Limited mill-1 ta' Awwissu 2017 u 30 ta' Ġunju 2019 taħt polza tat-tip *third party only* ċioe' b'kopertura assikurattiva limitatament għall-valur tad-danni sofferti mit-terz danneġġjat[5].

Is-surveyor Antwan Mugliett xehed illi f'dan il-każ is-*survey report* sar fuq bażi ta' "*without prejudice*"[6] għaliex kien hemm kwistjonijiet pendenti li kellhom jiġu kjarifikati min-naħa tal-kumpannija tal-assigurazzjoni jew xi dokument nieqes, bħal liċenza, u għalhekk f'dak l-istadju ma setax jawtorizza lit-tellar biex jordna l-*parts* u jipproċedi bit-tiswijiet meħtieġa. Ikkonferma li fil-każ tal-vettura tal-attur, il-kumpannija tal-assikurazzjoni li inkarigatu jagħmel is-survey kienet sejra tħallas għat-tiswijiet iżda baqgħet ma approvatx li dawn it-tiswijiet jibdew isiru, għaliex is-*survey* saret bla preġudizzju u dan l-istat baqa' ma nbidilx. F'dan is-*survey report* ġew indikati l-*parts* kellhom jiġu suppliti u jitħallsu minn Mapfre Middlesea plc (Dok. AM1), fosthom *front bumper, left front door* u *left headlamp*, iżda mhux il-prezz tagħhom.

---

[1] Ara xhieda ta' Stephen Cachia, 13 ta' Lulju 2020 u Dok. SC1.
[2] Ara survey report Dok. AM1.
[3] Mapfre Middlesea Insurance plc.
[4] Dok. AM1.
[5] Minn Dok. AB1, jirriżulta li din il-kopertura ġiet kanċellata.
[6] Claim Status: Without Prejudice.

Ikkunsidrat;

Mhux kontestat illi l-konvenut ġie inkarigat mill-attur isewwi l-vettura tal-attur iżda l-partijiet ma jaqblux dwar il-ftehim li kien ntlaħaq bejniethom fir-rigward: l-attur isostni li l-ftehim li kellu mal-konvenut kien li l-konvenut kellu jieħu ħsieb jixtri l-*parts* kollha meħtieġa huwa stess għajr għall-fanal li kellu jinxtara minnu stess[7], u kellu jagħmel it-tiswijiet kollha skont is-survey, liema xogħolijiet kellhom jitlestew mill-konvenut fi żmien ġimgħa. L-attur xehed ukoll li kien intlaħaq ftehim bejn il-konvenut u l-kumpannija tal-assigurazzjoni li kellha tħallas hija stess l-ispejjeż għat-tiswija tal-vettura. Hija wkoll il-verżjoni tal-attur li l-logbook tal-vettura tħalliet mal-konvenut sabiex kif it-tiswijiet ikunu lesti jieħu l-vettura huwa stess għat-test tal-VRT.

**Orazio Azzopardi, l-attur**, xehed illi meta kien imur għand il-konvenut biex jara l-progress li kien qed isir fuq il-vettura, kull darba kien jgħidlu li għadhom ma waslux il-parts u li l-vettura kienet ser titlesta l-ġimgħa ta' wara. Din il-verżjoni xehdha wkoll Martin Bonavia u sa ċertu punt, John Bonavia. Din is-sitwazzjoni baqgħet sejra, skont l-attur, madwar tliet xhur sakemm innota li l-vettura kienet qed titħalla barra fit-triq. Iżda mbagħad, meta l-konvenut fetaħ garaxx ieħor Ħal Luqa u mexxa n-negozju tiegħu hemmhekk, il-vettura ma reġgħex raha iżjed, la barra u lanqas ġol-garaxx. Minkejja li kien bagħtlu ittra legali u in segwitu wkoll ittra uffiċjali, il-konvenut ma tax kasu u baqa' jgħidlu li l-vettura tkun lesta l-ġimgħa ta' wara u li kien ser iġibhielu huwa stess. Fl-aħħar, l-attur talab lil John Bonavia biex imur jixtri huwa stess il-parts tal-vann li kienu jonqsu, u rnexxielu kiseb stima ta' dawn il-parts mingħand supplier ċertu Frank Lit, iżda l-konvenut ma riedx ikun jaf[8]. L-attur sostna wkoll li l-aħħar li kien mar għand il-konvenut biex jieħu l-vann, il-konvenut qallu li kien tah lil ħaddieħor biex jaħdem fuqu u li x-xogħol kien sejjer jitlesta l-ġimgħa ta' wara; madanakollu il-vann baqa' qatt ma ġie konsenjat lilu.

---

[7] Il-fanal inxtara minn Martin Bonavia, ara xhieda tat-2 ta' Novembru 2020.
[8] Ara xhieda ta' John Bonavia u Martin Bonavia, 2 ta' Novembru 2020.

Rigward danni, l-attur xehed illi huwa juża dan il-vann għall-ġarr u konsenji tal-fjuri ċioe' għall-fini tan-negozju tiegħu fil-qasam tal-ortikoltura, u matul iż-żmien li l-vann kien għat-tiswija għand il-konvenut, huwa kien jinqeda b'terzi biex jagħmlu l-konsenji tal-fjuri għan-nom tiegħu u kien jikkumpensahom. Ġieli wkoll uża l-vettura tat-tifla tiegħu biex jagħmel il-konsenji. Fil-fatt, John Bonavia xehed illi huwa kien ta l-vann tiegħu lill-attur biex jużah għall-konsenji tal-fjuri fiż-żmien li l-vann tiegħu baqa' għand il-konvenut mhux imsewwi, u bħala kumpens, l-attur kien tah għodda għal-użu fis-sengħa tiegħu bħala mastrudaxxa[9]. Martin Bonavia, in-neputi tal-attur xehed illi l-attur kien xtralu *tractor* biex jikkumpensah talli kien jgħinu billi jagħmel konsenji tal-fjuri bil-vettura privata tiegħu u jmur għand il-konvenut biex jistaqsi f'hiex waslu t-tiswijiet tal-vann u dan fuq perijodu ta' sena u nofs.

**Marco Bugeja**, il-konvenut, jikkontendi da parti tiegħu li huwa ġie mitlub mill-attur biex jagħmel xogħol ta' *panel beating* u żebgħa fuq il-vettura tal-marka Toyota Hiace li kellha ħsarat fuq quddiem u bieba li ma tinfetaħx. Hu kien għamel xi tiswijiet temporanji fuq perijodu ta' ġimgħa biex l-attur jista' jkompli jaħdem bih sakemm xi xaharejn wara, meta ġie biex jiskadi il-liċenza tal-vann, l-attur reġa' ġabulu biex jista' jkompli jirranġah għaliex fl-istat li kien jinsab fih il-vann ma setax jgħaddi mit-test tal-VRT. Meta l-attur kien qallu li juża l-vann għall-kummerċ, huwa kien għarrfu biex jieħu ħsieb jixtri huwa stess il-parts li kien hemm bżonn, sabiex b'hekk jista' jitlob ir-rifużjoni tal-VAT fuq il-prezz. Fisser li hu jaħdem bħala tellar u sprayer u mhux xogħolu jixtri l-parts: dawn jiġu suppliti mill-kumpannija tal-assigurazzjoni jew mis-sid tal-vettura u mhux minnu. Ċaħad li huwa qatt intrabat li jakkwista l-parts għat-tiswija tal-vann tal-attur, madankollu, kien offra li jqabbad lill-attur ma' supplier biex jixtri l-parts u kien bagħtu għand Alf. Gatt. Skont il-konvenut, l-attur kien mar jixtri l-parts iżda ma kienx sab il-bieba, il-fanal il-kbir, bumper u ċappetti u kien sab biss il-fanal u l-indicator tax-xellug. Il-konvenut spjega illi peress li l-vann tal-attur kien ġie manifatturat fl-1997 u ġie importat mill-Ġappun, ma baqgħux jiġu manifatturati parts ġodda u mhux faċli tiltaqa' ma' parts *second hand* fis-suq.

[9] L-istess xehed Martin Bonavia, 2 ta' Novembru 2020.

Xehed ukoll li l-attur talbu biex jixtrilu l-parts huwa stess u biex jaqdih, kien aċċetta li jċempel zewġ fornituri tal-parts izda xorta waħda ma kienx sab il-parts li kellu bżonn il-vann tal-attur. Sostna li huwa kien għarraf lill-attur li ma setax isib parts u kien qallu li jekk ma kienx ser isiblu l-parts huwa stess ma setax jaqdih għat-tiswija u seta' jieħu l-vann lura. Il-konvenut xehed ukoll illi lill-attur kien talbu xi tlieta jew erba' darbiet biex jieħu l-vann iżda l-attur kien jirrifjuta li jieħdu lura u kien jinsisti miegħu li kellu jlestih. Fil-fatt l-attur kien jiġi għandu ċirka darba kull tliet ġimgħat għaliex kien qed jippretendi li l-konvenut jsiblu u jixtrilu l-parts.

Il-konvenut stqarr illi darba minnhom kien ġie r-raġel tat-tifla tal-attur fil-garaxx biex jgħidlu li kien sab il-parts għall-vann iżda kien irrifjuta li jġibhomlu. Imbagħad, wieħed mis-suppliers li kien kellmu dwar il-parts għall-vann tal-attur, ċertu Christ, ċempillu u informah li kien sab bieba *second hand* u huwa kien għarraf lill-attur b'dan li min-naħa tiegħu kien tah struzzjonijiet biex jixtrihom. Il-konvenut aċċetta li jixtrihom biex jeħles mill-vann tal-attur li kien sar ingombru fil-garaxx tiegħu, iżda ma setax jaħdem fuq il-vann minnufih minħabba impjenji oħrajn ta' xogħol. Beda jaħdem fuqu xaharejn wara. L-attur kien ġie jittawwal lill-vettura u l-konvenut kien qallu li kellu jlestiha l-ġimgħa ta' wara. Iżda meta l-vettura kienet lesta, għall-ħabta ta' Awwissu jew il-bidu ta' Settembru 2019 u ċempel lill-attur biex jiġi jiġbru, qatt ma wieġbu u ftit wara sar jaf li l-attur kien fetaħlu din il-kawża. Meta l-konvenut xehed quddiem il-Qorti fis-26 ta' Settembru 2022, qal li l-vann kien għadu għandu għaliex l-attur baqa' qatt ma ġie jiġbru u t-tiswijiet kienu ilhom lesti madwar sentejn.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda billi tosserva li peress illi din hija azzjoni għad-danni naxxenti minn relazzjoni kuntrattwali, huwa prinċipju ġenerali ta' dritt li l-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom[10] u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-

[10] Artikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili.

obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha[11], tant illi kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni[12].

Għas-suċċess tat-talba tiegħu, l-attur jeħtieġlu jipprova li huwa kkuntratta mal-konvenut mhux biss biex isewwielu l-vettura fiż-żmien stabbilit kif sostna fix-xhieda tiegħu iżda wkoll biex jiffornixxi huwa stess il-parts għat-tiswija.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi x-xhieda tal-attur hi ferm fjakka u nieqsa minn tagħrif anke bażiku: hekk per eżempju, ma qal xejn konkret dwar id-data meta kkonsenja l-vettura tiegħu lill-attur u dwar x'ġie miftiehem dwar il-ħlas tal-prezz tal-parts għat-tiswija jew tax-xogħol ta' żebgħa u panel beating. Filwaqt li l-attur xehed li kien intlaħaq ftehim bejn il-kumpannija tal-assikurazzjoni u l-konvenut dwar ix-xiri tal-parts għat-tiswija, ma tressqu ebda provi li juru li l-parts kellhom jiġu suppliti u mħallsin mill-kumpannija tal-assikurazzjoni. Ma ġiex ippruvat lanqas illi t-tiswijiet saru bl-intervent jew bi ftehim ma' xi kumpannija tal-assigurazzjoni u fil-fatt ma xehed ħadd għan-nom ta' xi kumpannija tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-allegat ftehim, jew biex jafferma li ġie awtorizzat ix-xiri tal-parts u t-tiswija tal-vettura. Għall-kuntrarju, Antwan Mugliett, is-surveyor inkarigat mill-kumpannija tal-assigurazzjoni tat-terz danneġġjat, filwaqt li xehed li din il-kumpannija kienet aċċettat li tħallas għat-tiswija tal-ħsarat li ġarrbet il-vettura tal-attur b'riżultat tal-inċident li kienet involuta fiha, ikkonferma wkoll illi din il-kumpannija ma kienetx awtorizzat li jinbdew it-tiswijiet fuq il-vettura tal-attur. Fil-fatt, il-konvenut fir-rigward xehed illi kien bagħat lill-attur għand il-kumpannija tal-assikurazzjoni biex jirranġa dwar ix-xiri tal-parts. Jirriżulta wkoll li l-vettura tal-attur kienet assigurata mal-kumpannija GasanMamo Insurance Limited b'kopertura tat-terz biss.

Minn dan kollu, il-Qorti tqis li huwa eskluż li seta' ntlaħaq il-ftehim allegat mill-attur fix-xhieda tiegħu, bejn il-konvenut u xi kumpannija tal-assikurazzjoni biex il-parts jinxtraw mill-konvenut.

---

[11] Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili.
[12] Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili.

Barra minn hekk, minkejja li hemm qbil li l-konvenut kien inkarigat bit-tiswija tal-vettura tal-attur, ma hemm ebda prova li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-parts kellu jipprovdihom jew jixtrihom il-konvenut stess, meta jirriżulta li l-konvenut m'huwiex negozjant jew bejjiegħ ta' parts għat-tiswija tal-karozzi. Ġaladarba hija nieqsa wkoll il-prova li l-kumpannija tal-assigurazzjoni kienet aċċettat li tħallas hija stess direttament l-ispejjeż għat-tiswija tal-vettura, il-Qorti ma tistax tqis li l-verżjoni tal-attur li l-parts kellu jixtrihom u jissupplixxihom il-konvenut u fil-fehma tagħha, l-attur ma rnexxilux jipprova fil-grad meħtieġ ċioe' fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, li l-konvenut assuma l-obbligu li jixtri huwa stess il-parts meħtieġa għat-tiswija tal-vettura tiegħu. Għalkemm ġie allegat min-naħa tal-attur illi ġew rintraċċjati l-parts meħtieġa għand ċertu aġent tal-parts u l-konvenut ġie mgħarraf biex imur jixtrihom mingħandu, ma ġie prodott l-ebda dokument jew prova oħra in sostenn ta' din l-allegazzjoni u fi kwalsiasi każ, kif diġa' stabbilit, l-attur naqas milli jikkonvinċi lill-Qorti illi kien jinkombi lill-konvenut l-obbligu li jipprovdi u jixtri dawn il-parts huwa stess.

Minflok, il-Qorti hi konvinta li l-verżjoni tal-konvenut li f'dan il-każ l-appalt lilu mogħti u aċċettat, ma kienx jestendi għall-fornitura u xiri tal-parts u l-verżjoni tiegħu li dawn kellhom jinxtraw u jiġu suppliti mill-konvenut a spejjeż tiegħu, hi ferm iktar verosimili mit-teżi tal-attur. Fil-fatt il-verżjoni tal-attur li l-ftehim kien li huwa kellu jieħu ħsieb jixtri biss il-fanal izda mhux il-bieba, m'hijiex sorretta mill-provi u f'kull każ ftit fiha xi sens ta' loġika u l-attur naqas milli jfisser għaliex sar ftehim f'dan is-sens[13].

Wara li rat ir-riżultanzi tal-provi u fiċ-ċirkostanzi, fehmet li l-konvenut aċċetta li jixtri l-parts tal-vettura tal-attur huwa stess **biss** wara li kien għadda ħafna żmien u l-attur kien baqa' ma pprovdilux il-parts meħtieġa u dan *ex gratia* biex ikun ta' għajnuna, għaliex l-attur u l-familja tiegħu kienu klienti regolari tiegħu. Dan għamlu mhux biss billi tah xi ismijiet ta' aġenti tal-parts fosthom Alf. Gatt, iżda wkoll billi staqsa huwa

[13] Hawnhekk il-Qorti tosserva illi l-attur ikkonferma fix-xhieda tiegħu li huwa qatt ma kkomunika mal-kumpannija tal-assikurazzjoni tal-vettura tiegħu biex jara jekk kienux aċċettaw li jkopru l-ispejjeż tat-tiswija tal-vann, min kellu jieħu ħsieb ix-xiri tal-parts u jħallas il-prezz tagħhom u tax-xogħol tat-tiswija.

stess lil xi aġenti tal-parts, fosthom ċertu Christian Formosa, biex isibulu dawn il-parts iżda billi l-vann kien wieħed antik, dawn il-parts ma nstabux minnufih iżda għadda sena u nofs sakemm instabu parts li kienu f'kundizzjoni aċċettabbli..

Il-Qorti ħadet qies ukoll, biex waslet għall-konklużjoni li l-appalt mogħti lill-konvenut ma kienx għall-fornitura tal-parts għat-tiswija, tal-fatt illi l-attur fix-xhieda tiegħu afferma li huwa juża n-numru tal-VAT 10928013 għall-fini tan-negozju tiegħu u fejn jidħol l-element tal-VAT li jiġi mħallas fuq spejjeż tan-negozju, huwa dejjem jitlob ir-rifużjoni tal-VAT hekk imħallas.

Dan kollu jwassal lill-Qorti tikkonkludi illi l-konvenut aċċetta l-appalt safejn jaqsmu t-tiswijiet meħtieġa fil-vettura tal-attur iżda limitatament għat-tiswija tal-vann u mingħajr ma assuma l-obbligu speċifiku li jixtri u jipprovdi l-parts huwa stess. Il-fatt li l-parts damu ma nstabu u per konsegwenza, il-vettura damet ma ġiet imsewwija, ma jistax għalhekk, jaħti għaliha l-konvenut li jidher li mar oltre dak li kien obbligat għalih meta aċċetta li jgħin lill-attur fit-tfittxija tal-parts.

Għalhekk, għall-finijiet tal-Artikolu 1633 tal-Kodiċi Ċivili, tqis illi l-attur ma seħħlux jipprova sodisfaċjentement fil-grad meħtieġ, illi l-konvenut ġie mqabbad biex jagħti x-xogħol jew is-sengħa tiegħu kif ukoll il-materjal iżda l-provi proċesswali jikkonvinċu lill-Qorti li l-ftehim mal-konvenut kien li ġie mqabbad jagħti biss ix-xogħol u s-sengħa tiegħu u mhux ukoll il-materjal.

Ikkunsidrat;

Illi wisq inqas ġie ppruvat li l-attur kellu jwettaq l-appalt entro terminu pattwit espressament bejn il-partijiet u l-Qorti ma riskontrat ebda prova li turi li l-obbligazzjoni tal-konvenut kellha tiġi eżegwita fi żmien pre-stabbilit. Wara li semgħet ix-xhieda li ressaq il-konvenut, il-Qorti tqis li mhux raġjonevoli l-ipotesi li seta' ntlaħaq ftehim bħal dan fiċ-ċirkostanzi fejn huwa bil-wisq ovvju li l-parts tal-vettura in diżamina ma kienux faċilment disponibbli fis-suq.

Huwa minnu illi l-Artikolu 1077 tal-Kodiċi Ċivili jistipola li meta ma jkun ġie stabbilit ebda żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, din għandha tiġi esegwita minnufih, iżda dan jgħodd biss kemm il-darba x-xorta tal-obbligazzjoni, jew il-mod li bih għandha tiġi esegwita, ma jġibux magħhom il-ħtieġa ta' żmien. F'dan il-każ, għandu jingħad illi l-konvenut mhux biss ma kienx obbligat għall-fornitura tal-materjal iżda l-obbligazzjoni tiegħu li jwettaq it-tiswijiet kienet soġġetta għall-kondizzjoni li l-parts għat-tiswija jiġu konsenjati lilu – kondizzjoni li l-Qort fehmet li kienet sospensiva tal-eżistenza tal-obbligazzjoni tal-konvenut li jeżegwixxi t-tiswijiet fil-vettura tal-attur. Dan ifisser illi, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1063(2) tal-Kodiċi Ċivili, l-obbligazzjoni tal-konvenut lanqas setgħet tidħol fis-seħħ qabel jitqiegħed fil-pussess tal-parts meħtieġa għat-tiswija tal-vettura, u kif diġa' ġie stabbilit, l-obbligazzjoni tal-fornitura tal-parts kienet tinkombi lill-attur u mhux lill-konvenut.

Fi kwalsiasi każ, għandu jingħad illi fiċ-ċirkostanżi tal-każ kif joħorġu mill-provi u mix-xhieda, l-obbligazzjoni li jitwettqu t-tiswijiet fuq il-vettura tal-attur neċessarjament iġġib magħha l-ħtieġa ta' żmien. L-allegazzjoni tal-attur li ġie miftiehem li t-tiswijiet jitlestew fi żmien ġimgħa m'hijiex attendibbli meta kif xehed il-konvenut, korroborat minn Christian Formosa, mhux faċli jinstabu parts għat-tiswija ta' vettura bħal dik tal-attur għaliex m'għadhomx jiġu manifatturati. Fil-fatt Christian Formosa xehed illi l-konvenut Marco Bugeja kien talbu jipprovdielu xi parts ta' vann Toyota Hiace għall-ħabta tas-sena 2017, speċifikatament bumper, u bieba tan-naħa tal-passiġġier iżda peress li l-vettura kienet waħda antika ma kienx sabhom mill-ewwel għaliex dawk li kien sab ma kienux f'kundizzjoni tajba u rnexxielu jsib parts fi stat aċċettabbli biss wara li kien għadda madwar sena u nofs minn meta talabhomlu orġinarjament. Ikkonferma wkoll illi l-konvenut talbu diversi drabi biex isiblu dawn il-parts għaliex huwa jaħdem miegħu billi jipprovdielu parts fuq bażi regolari.

In konklużjoni, għandu jingħad ukoll illi għad li jirriżulta li, kif diġa' stabbilit, l-obbligazzjoni tat-tiswijia tal-vettura teħtieġ neċessarjament iż-żmien għall-

eżekuzzjoni tagħha, mhux meħtieġ li l-Qorti tiffissa xi żmien għall-eżekuzzjoni għaliex jirriżulta li l-vettura tal-attur diġa' ġiet imsewwija mill-konvenut u dan wara li ħa ħsieb huwa stess li jixtri l-parts għat-tiswija biex il-vettura tiġi ritornata lill-attur u ma tibqax tinzamm ġewwa l-garaxx tiegħu.

Madankollu, jiġi osservat illi l-attur fir-Rikors promotur, talab biss il-ħlas tad-danni u mkien ma talab li l-konvenut jiġi kundannat jirritorna l-vettura lilu u għalhekk, minkejja li jirriżulta mill-provi illi l-vettura ġiet imsewwija u tinsab lesta minn kollox, il-Qorti ma tistax tikkundanna lill-konvenut biex jirrilaxxa l-pussess tal-vettura favur l-attur.

Ikkunsidrat;

Għaldaqstant, stabbilit illi ma ġiex ippruvat li l-konvenut kien intrabat li, għat-twettiq tal-appalt, jipprovdi u jakkwista huwa stess l-ispare parts meħtieġa għat-tiswija tal-vettura u m'hemmx prova li l-fornitura tal-parts kien parti mix-xogħol appaltat lill-konvenut, wisq inqas li kien obbligat li jwettaq l-appalt fi żmien stabbilit iżda naqas milli jagħmel dan, l-istess konvenut ma jistax jitqies li jaħti għal xi dewmien fit-tiswija tal-vettura safejn dan id-dewmien hu dovut għal diffikolatjiet fil-fornitura tal-parts u konsegwentement, ma jistax jitqies li hu responsabbli jew li għandu jagħmel tajjeb għal xi danni li seta' sofra l-attur b'riżultat ta' dewmien fit-tiswija tal-vettura.

Fi kwalsiasi każ, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi għalkemm, kif diġa' stabbilit, mhux ippruvat li l-konvenut naqas milli jeżegwixxi xi obbligu kuntrattwali formanti parti mill-appalt lilu mogħti, l-attur baqa' ma ressaqx prova kif imiss li l-parts li kienu meħtieġa kienu disponibbli minnufih u li l-konvenut naqas milli jakkwistahom mingħajr raġuni valida: il-Qorti kienet tistenna li tisma' x-xhieda tal-aġent li allegatament kellu l-parts meħtieġa għall-bejgħ jew *de minimis*, dokument li juri dan u d-data ta' meta allegatament inħarġet il-quotation relattiva.

Fil-fatt, anke jekk għal mument, il-Qorti kellha taċċetta l-argoment tal-attur li l-konvenut kien intrabat li jixtri u jipprovdi l-parts tal-vettura huwa stess iżda naqas milli jagħmel dan bi ħsara tal-attur, kif sewwa ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenut, l-attur kellu f'kull każ id-dmir, bħala l-allegat danneġġjat, li jieħu l-miżuri kollha raġonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun qed iġarrab bħala konsegwenza tal-fatt illeċitu, b'mod li jista' jiġi eskluż, fil-każijiet kongruwi, mir-riżarċiment ta' dik il-parti tad-danni dovuta għan-nuqqas tiegħu li jieħu dawk il-passi."[14].

Huwa wkoll:-

"*... principju generali, stabbilit f'materja ta' mizura ta' danni, li min isofrihom ghandu jaghzel mill-ahjar sabiex inaqqas l-estensjoni taghhom biex jissalvagwardja bhala bonus pater familias l-interessi ta' min ikun, skond il-kaz, tenut eventwalment ihallashom.*"[15]

Fil-fatt, il-Qorti tqis li huwa ftit spjegabbli kif l-attur seta' jistenna li l-konvenut jwettaq l-appalt tat-tiswija tal-vettura bħallikieku huwa kien meħlus minn kull obbligu jew interess fil-materja. L-attur bħala s-sid tal-vettura kellu, kif del resto xehed huwa stess, interess inġenti li l-vettura tissewwa mill-iktar fis stante illi din kienet vettura kummerċjali li kienet tintuża għan-negozju tiegħu. Madanakollu, jirriżulta abbundantement mill-provi li għajr illi jittawwal sporadikalment fil-garaxx tal-konvenut u jippretendi li l-vettura jsibha lesta u msewwija mingħajr ebda intervent min-naħa tiegħu biex jassigura li dan iseħħ, l-attur ma aġixxiex bħala *bonus pater familias*: m'għamel assolutament xejn biex ifittex huwa stess il-parts li kien hemm bżonn għat-tiswija tal-vettura, anke meta kien ovvju li dawn il-parts ma kienux faċilment disponibbli fis-suq għaliex il-vettura kienet waħda antika u parts ġodda m'għadhomx jiġu manifatturati.

---

[14] **Joseph Aquilina vs Emanuele Schembri**, Appell Ċivili, 24 ta' Jannar, 1969.

[15] **Salvatore Cannata ne vs Kaptan Emanoli Skapinakis ne** deciza mill-Qorti tal-Kummrerc fl-4 ta' Mejju 1953 (Vol. XXXVII.iii.868). Ċitata fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Services Limited noe et v. Trevor Vassallo**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sup.) 25.9.2006.

Il-Qorti ma riskontrat ebda ostakolu li minħabba fih l-attur kien impedit milli jidentifika u jixtri huwa stess il-parts meħtieġa jew addirittura milli jieħu l-vettura tiegħu mingħand il-konvenut biex isewwiha għand tellar ieħor jekk skont hu, il-konvenut kien qed jgħaddih biż-żmien u kellu bżonn il-vettura għall-użu fin-negozju, *multo magis* meta l-attur allega wkoll li minħabba dan id-dewmien kien qed isofri d-danni għaliex kellu jidħol fi spejjeż biex iqabbad persuni oħrajn jew jikseb l-użu ta' vettura alternattiva biex jinqeda. Minkejja dan iżda, ma jirriżultax li l-attur ittermina l-appalt kif seta' jagħmel bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili, iżda minflok insista fuq it-twettiq tal-appalt u l-ħlas tad-danni. Minflok, il-provi juru li l-attur mhux biss ma għamel xejn minn dan iżda rrifjuta li jiġbor il-vettura mingħand il-konvenut anke meta ġie mgħarraf li t-tiswijiet kienu kollha lesti u setgħet tinġabar. Għall-Qorti dan ir-rifjut tal-attur hu ftit spjegabbli meta huwa istitwixxa dawn il-proċeduri tabilħaqq għaliex isostni li l-konvenut naqas milli jirritorna l-vettura lilu.

Premess u stabbilit dan kollu, hija l-fehma tal-Qorti li fi kwalunkwe każ li jkun, l-attur ma mexiex bil-galbu fejn tidħol it-tiswija tal-vettura tiegħu u naqas milli jimxi b'mod attiv biex ifittex parts u jieħu ħsieb li jwettaq dak kollu li seta' raġjonevolment iwettaq biex jassigura li t-tiswijiet appaltati lill-konvenut isiru mingħajr dewmien. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi dan id-dewmien, li fuqu l-attur isejjes esklussivament it-talba tiegħu għall-ħlas tad-danni, huwa biss l-effett tal-inerzja u l-passivita' assoluta tiegħu innifsu.

Ikkunsidrat;

Billi mhuwiex ippruvat li l-konvenut kien obbligat għall-fornitura tal-parts tal-vettura tal-attur u mhux ippruvat lanqas li d-dewmien fil-fornitura tal-parts u kwindi fit-tiswija tal-vettura, kien jaħti għalih il-konvenut, it-talba tal-attur għall-ħlas tad-danni ma tistax tirnexxi. Għalhekk il-Qorti ma tqisx li huwa meħtieġ li jiġu mistħarrġa l-provi li ressaq l-attur għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni allegatament sofferti minnu.

Il-Qorti sejra tillimita ruħha biex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar il-l-allegazzjoni tal-attur li huwa dovut in konnessjoni mal-vettura tal-attur, il-ħlas ta' diversi kontravvenzjonijiet li nħarġu fiż-żmien li l-vettura tiegħu kienet fil-pussess tal-konvenut. Mix-xhieda ta' Stephen Cachia li xehed in rappreżentanza tal-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport, jirriżulta illi l-liċenza tal-vettura tal-attur kienet skadiet fit-30 ta' Ġunju 2018 u peress li l-liċenza baqgħet ma ġietx imħallsa għal tliet snin konsekuttivi, inħarġu ċitazzjonijiet dwar il-kontravvenzjonijiet relattivi bl-ammont totali dovut minħabba nuqqas ta' ħlas ta' liċenza bejn 1 ta' Lulju 2018 u 1 ta' Lulju 2019, ikun ta' €994.00[16].

Minn dan hu ovvju, fil-fehma tal-Qorti, li l-attur ma għamel xejn biex jassigura li sakemm il-vettura tiegħu kienet għat-tiswija, din baqgħet liċenzjata skont il-liġi u ma ħax ħsieb lanqas li jiġu ritornati l-pjanċi lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex sakemm il-vettura tissewwa u tkun f'pożizzjoni li tinstaq fit-triq, ma jibqgħux isiru dovuti l-ħlasijiet tal-liċenza u l-ħtiġiet ta' assikurazzjoni u VRT. L-arretrati dovuti għall-ħlas tal-liċenza tal-vettura ma għandhomx x'jaqsmu mal-fatt li l-vettura kienet fil-pussess tal-konvenut jew għaliex damu ma twettqu t-tiswijiet, iżda biss huma biss l-effett tan-nuqqas tal-attur li jżomm il-vettura tiegħu liċenzjata skont il-liġi billi jġedded il-liċenza kull sena tempestivament bil-ħlas tal-ammont dovut. Ma jirriżultax mill-provi li l-konvenut assuma l-obbligu li jżomm il-vettura tal-attur liċenzata skont il-liġi jew l-obbligu li jħallas l-ispejjeż tal-liċenza tagħha.

Il-Qorti tqis illi jekk l-attur dehrlu li l-konvenut ma wettaqx l-appalt fiż-żmien pattwit bejniethom, bir-riżultat li kien impedit milli jagħmel użu mill-vettura, kellu qabel xejn jipprova li l-appalt kellu jitwettaq fi żmien definit u li dan ma seħħx minħabba xi ħtija imputabbli lill-konvenut u f'kull każ, kellu juri wkoll li huwa għamel dak kollu raġjonevolment meħtieġ bħala s-sid liċenzjat tal-vettura biex jimminizza d-danni sofferti minnu, ġaladarba kien bi ħsiebu jdur kontra l-konvenut biex jikkumpensah għad-danni. Dan seta' jagħmlu billi jieħu dawk il-miżuri biex ma tibqax issir dovuta

[16] Dok. SC1.

l-ħlas tal-liċenza tal-vann u jipprevalixxi ruħu mir-rimedji li tipprovdi l-liġi f'ċirkostanzi bħal dawn kif ġie mfisser minn Stephen Cachia fix-xhieda tiegħu.

Għalhekk, il-konvenut ma jistax jitqies li huwa obbligat għall-ħlas ta' danni rappreżentanti l-arretrati tal-liċenza tal-vettura tal-attur.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut ressaq talba rikonvenzjonali biex jitħallas is-somma ta' €1,526.12 rappreżentanti l-ispejjeż għat-tiswija tal-vettura u l-prezz tax-xiri tal-parts meħtieġa għat-tiswija. Din is-somma ma ġietx kontestata mill-attur li fir-Risposta tiegħu għall-kontro talba, eċċepixxa li ebda ammont m'huwa dovut minnu għaliex il-konvenut żamm għandu l-vettura b'mod abbużiv minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex jirrilaxxa l-pussess tal-istess vettura. Iżda l-provi ma jikkonfortawx din it-teżi tal-attur, tant illi l-attur imkien u f'ebda waqt ma xehed illi huwa pprova jieħu l-pussess tal-vettura mingħand il-konvenut. Kemm hu hekk, kif diġa ġie osservat, it-talba tal-attur fir-Rikors promotur m'huwiex għar-rilaxx tal-vettura iżda għall-ħlas tad-danni minħabba d-dewmien fit-tlestija tat-tiswijiet.

Mill-provi, speċifikatament mix-xhieda tal-attur innifsu, jirriżulta li huwa kien jinsisti mal-konvenut biex ilesti t-tiswijiet u fil-fatt, skont kif jirriżulta miż-żewġ ittri legali esebiti fl-atti proċesswali, l-attur interpella lill-konvenut mhux dwar xi pussess abbużiv tal-vettura iżda unikament biex jadempixxi l-inkarigu u jħallas id-danni[17]. Għalkemm indubbjament kien ikollu raġuni valida biex jagħmel dan f'każ li l-ftehim kien li l-kuntrattur kien obbligat jiffornixxi l-materjal bħala parti mill-appalt u jew iwettaq l-appalt fi żmien espressament pattwit, kif diġa' ngħad ma jirriżultax li l-attur ittermina l-appalt kif seta' jagħmel bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili, iżda minflok insista fuq it-twettiq tal-appalt u l-ħlas tad-danni.

[17] Ara żewġ ittri legali, paġna 40 u paġna 41 tal-atti tal-kawża.

L-ammont reklamat mill-konvenut għat-tiswijiet tal-vettura u l-prezz tal-parts huwa konformi mal-istima mħejjija mis-surveyor Antwan Mugliett li kien eżamina l-vettura u kkonkluda li l-prezz tax-xogħol ta' tellar u żebgħa u materjal ma kellux jeċċedi s-somma ta' €1,535.26. Fil-fatt, il-prezz reklamat mill-konvenut sija għal xogħolu u sija wkoll għall-ispare parts li xtara għan-nom tal-attur biex isewwi l-vann tiegħu, huwa inqas mill-istima tas-surveyor u l-parts mixtrija mill-konvenut għat-tiswija jidher li huma konformi ma' daw il-parts elenkati fis-survey report (Dok. AM1) bħala parts li jeħtieġu jiġu rimpjazzati.

Barra dan il-fatt illi l-attur ma ressaq ebda prova li l-vettura ma ġietx imsewwija jew li t-tiswijiet ma sarux skont kif meħtieġ mis-sengħa u l-arti. Il-konvenut xehed illi l-vettura hija msewwija minn kollox u esebixxa ritratti tal-van biex juri illi effettivament, il-bieba u l-bumper ġew rimpjazzati[18], filwaqt li Natalino Agius, surveyor tal-vetturi, ukoll xehed illi huwa spezzjona l-vann bin-numru ta' reġistrazzjoni FBS-468 u ra t-tiswijiet li saru fuq in-naħa tax-xellug fuq quddiem għalkemm qal li l-vann kellu diversi daqqiet oħrajn li l-konvenut kien qallu li m'għandux x'jaqsam magħhom. L-attur ma ressaq ebda provi kuntrarji u ma kkontestax il-quantum tal-prezz mitlub mill-konvenut.

Minn dan kollu ġie suffiċjentement ippruvat illi l-vettura tal-attur ġiet effettivament imsewwija mill-konvenut skont l-inkarigu li ngħatalu u li l-attur għandu għalhekk iħallas lill-konvenut il-prezz ta' dawn it-tiswijiet fis-somma ta' €1,526.12 skont kif jidher fl-invoice esebit flimkien mat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut[19].

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi billi fir-rigward tat-talba prinċipali tal-attur, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu, tiċħad it-talba ta' ORAZIO SIVE GREZZJU AZZOPARDI bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur; u in kwantu t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat fir-Risposta tiegħu, tilqa' t-talba ta' MARCO BUGEJA**

[18] Ritratti Dok. MB2. Ritratti Dok. MB3 juru l-vann fl-istat li kien fih qabel saru t-tiswijet.
[19] Paġna 8 tal-atti tal-kawża.

**u tikkundanna lil ORAZIO SIVE GREZZJU AZZOPARDI jħallsu s-somma ta' elf ħames mija u sitta u għoxrin Euro u tnax-il ċenteżmu (€1,526.12) għar-raġuni indikata fit-talba rikonvenzjonali, bl-imgħax mid-data tal-fattura, 27 ta' Awwissu 2019 u bl-ispejjeż jitħallsu mill-attur rikonvenzjonat.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**